**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 250/2000**

**Il-Pulizija (Seduta tas-Sanita')**

**Vs**

**CARMEL STEVENS**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Carmel Stevens gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali w akkuzat talli fil-5 ta'Gunju, 1991, u fl-ahhar granet, f'numru 15, St. John Street, Bormla, (**1**) naqas li jkollu s-sink, il-friskatur ghall-hasil ta' l-idejn, il-banju, jew xi haga ohra bhal dawn, li kienu jinfdu dritt mad-drenagg pubbliku kif titlob il-ligi; (**2**) naqas li jzomm fi stat tajjeb ta'tiswija l-katusi jew kanali jew mezzi ohra ta' komunikazzjoni; (**3**) naqas li jaghmel dak kollu li jinhtieg biex ebda materjal ma jiskula jew inixxi mill-katusi jew kanali u biex ma jkun hemm ebda haga li tghati fastidju fil-bini tieghu nnifsu jew ta' haddiehor. Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li minbarra li tghati l-piena, tordna t-tnehhija ta' l-inkonvenjent u/jew esekuzzjoni tal-ligi taht penali xierqa fin-nuqqas.
Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fit-8 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Carmel Stevens hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih u kkundannatu ammonizzjoni filwaqt li ordnatlu li jigi konformi mal-ligi fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza taghha taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kulljum fin-nuqqas. Inoltre, dik il-Qorti ordnat lill-istess Carmel Stevens sabiex ihallas l-ispejjes kollha in konnesjoni man-nomina ta' l-espert waqt dawn il-proceduri skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmel Stevens datat 16 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebit w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Qabel xejn ghandu jinghad li dan huwa appell fieragh ghall-ahhar.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li, skond hu, l-azzjoni penali in ezami kontrih hija preskritta bil-preskrizzjoni trimestrali ghaliex ir-reati lilu addebitati huma kontravvenzjonijiet.

L-appellant m'ghandux ragun. Iz-zmien imsemmi fic-citazzjoni jirrisali ghall-5 ta'Gunju, 1991, u fl-ahhar granet. Jirrizulta li ghalkemm dawn il-proceduri damu disgha (9) snin sabiex jintemmu quddiem l-ewwel Qorti, zmien xi ftit twil wisq fil-fehma ta' din il-Qorti, b'dana kollu l-appellant, allura imputat, dejjem gie notifikat entro l-perijodu ta' tlett xhur bejn kull att gudizzjarju w iehor f'dawn il-proceduri, b'mod li, allura, il-perijodu preskrittiv kien qed jigi interrott. Dan apparti l-fatt li r-reati li bihom gie akkuzat l-appellant huma kollha ta'natura permanenti, u sakemm tibqa' l-ksur tal-ligi, il-preskrizzjoni ma tghaddiex. Id-diversi notifiki pozittivi annessi fl-inkartament ta' dawn il-proceduri huma xhieda ta' dan. Fil-fatt l-ewwel dehra ta' l-appellant quddiem l-ewwel Qorti sabiex iwiegeb ghall-dawn l-akkuzi kienet fid-29 ta'Ottubru, 1991, meta hu, ghalkemm regolarrment notifikat entro it-termini, baqa' ma dehrx. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi li kien sar mill-ewwel Qorti, li, skond hu, kien wiehed hazin. Skond l-appellant, hu qatt ma setgha jigi misjub hati mill-ewwel Qorti ghaliex ma kienx responsabbli ghall-hsarat rizultanti li kien hemm fil-blokk ta'appartamenti, liema hsara fis-sistema tad-drenagg kienet giet kagunata minn xi resident iehor fl-istess blokk minhabba xi xogholijiet li dan l-iehor kien ghamel.

Anke hawnhekk, il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant. Ir-rapport tal-perit tekniku imqabbad mill-ewwel Qorti sabiex jezamina l-fatti w jirrelata dwar ir-rizultanzi tieghu huma carissimi. Dan l-espert jghid li s-sistema tad-drenagg fil-fond ta' l-appellant kien wiehed irregolari u hemm komunikazzjonijiet tad-drenagg mhux skond il-ligi tas-sanita'. Fil-fatt, dan l-espert jattribwixxi l-hsarat rizultanti unikament minhabba s-sistema irregolari tad-drenagg li ghandu l-appellant fil-fond tieghu.

Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kif ukoll fil-konkluzzjonijiet li legalment u ragjonevolment setghet tasal ghalihom.  Ghalhekk anke dan l-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa respint.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta'Carmel Stevens huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha inkluza kull ordni moghtija mill-ewwel Qorti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur